# Daħla

Il-kelma. Il-qawwa tal-kelma. B'kelma nista' niġbdek jew nimbuttak. B'kelma nista' nqanqal il-folla, inkella nnaffarha. Il-qawwa tal-kelma hija tali li biha nista' ngħarrax rewwixta billi noħroġ lin-nies fit-toroq, inkella nista' nsensel kunsens u nħeġġeġ biex dak li jkun jagħraf il-ħtieġa tal-kompromess. Tiskanta kemm għemejjel u emozzjonijiet jirriżultaw mill-kelma.

Il-politiku jaf sewwa l-qawwa tal-kelma għax lilha juża bħala għodda biex iwassal il-messaġġ tiegħu. B'politiku m'aħniex nifhmu biss dawk il-ftit li jirnexxilhom jiksbu siġġu fil-Parlament Malti jew Ewropew, imma wkoll dawk li jinsabu jipparteċipaw fil-ħajja demokratika ta' pajjiżna. Jiġuna f'moħħna r-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali bħalma huma t-trade unions u l-għaqdiet tal-impjegati, il-movimenti tas-soċjetà ċivili, il-Knisja u l-bqija. Dawn l-esponenti lkoll jiddependu u, fl-istess waqt, jinqdew bil-kelma biex jasserixxu rwieħhom fil-ħajja pubblika. Biha jridu jikkomunikaw, jipperswadu, jikkonsultaw, jinnegozjaw, jiddibattu, jikkonfliġu, jirraġunaw, inkella jbellgħulna r-ross bil-labra jekk mhux ukoll jgħodduna ta' Ġaħan.

Meta tqis u taħseb kemm għandha qawwa kelma, tifhem il-għala d-Dipartiment tal-Politika Pubblika u d-Dipartiment tal-Malti reġgħu għaqdu l-isforzi tagħhom biex jorganizzaw it-tieni konferenza konġunta, din id-darba bit-tema *Il-Qawwa tal-Kelma: Ir-retorika politika*. L-istudju prattiku ta' kif il-kelma għandha tingħad fil-pubbliku jissejjaħ 'retorika' u din ilha tiġi mgħallma sa miċ-ċiviltajiet tal-qedem, kemm f'Ateni kif ukoll f'Ruma. It-teoriji moderni tal-komunikazzjoni bil-fomm u bil-miktub għadhom influwenzati ħafna mill-prinċipji retoriċi bażiċi introdotti fl-era klassika minn Sokrate u Aristotli f'Ateni, u f'Ruma minn Ċiċerun u Kwintiljanu.

Meta ġejna biex infasslu l-programm tal-konferenza, għamilna ħilitna biex ikollna diversità ta' kelliema, temi, metodoloġiji u stili. U b'sodisfazzjon ikollna ngħidu li rnexxielna, grazzi għall-impenn u d-dedikazzjoni tal-kelliema li joriġinaw miż-żewġ dipartimenti tagħna. Id-diskorsi ffukaw fuq l-istrateġiji retoriċi tal-oraturi, fil-biċċa l-kbira mexxejja politiċi ewlenin fl-istorja riċenti ta' Malta, u l-kuntesti storiċi li fihom saru d-diskorsi tagħhom. Tnejn mill-interventi inkwadraw aspetti tar-retorika ta' Duminku Mintoff: André DeBattista tkellem fuq "Il-Knisja u n-narrattiva reliġjuża fil-kitba u d-diskors ta' Duminku Mintoff" u Christabelle Borg fuq "L-arti tal-kelma fid-diskorsi politiċi ta' Duminku Mintoff". Lara Stagno stħarrġet "Il-kariżma etika msarrfa f'retorika effettiva: Id-diskorsi ta' Eddie Fenech Adami tal-1981 u l-1982" waqt li Omar Seguna ttratta "It-traġitt fil-ħsieb edukattiv: Ħarsa analitika lejn il-kitbiet ta' Ugo Mifsud Bonnici u Evarist Bartolo". L-intervent ta' Adrian Grima kien dwar "'Politika Nadifa, Soċjetà Ġusta': L-Ethos f'Diskors ta' Andrea Dibben"

It-tliet diskorsi li jifdal joffru perspettiva usa'. Anne Marie Thake ffokat fuq "Slogans elettorali: Ir-retorika politika f'Malta"; Clyde Puli analizza "Ir-retorika morali fid-dibattitu dwar l-introduzzjoni tal-abort f'Malta"; u Christa Boffa tkellmet fuq "Mekkaniżmi ta' Persważjoni fil-Lingwaġġ Politiku Kontemporanju Malti".

Il-konferenza kienet inawgurata mill-Pro-Rettur tal-Università ta' Malta, il-Prof. Carmen Sammut, li saħqet fuq is-sabiħ tal-interdixxiplinarjetà skont l-istrateġija tal-Università ta' Malta. Id-diskussjonijiet bis-sehem tal-udjenza tmexxew minn Justine Somerville u Dr George Vital Zammit, waqt li l-konferenza ngħalqet b'riflessjonijiet kritiċi mill-Awditur Ġenerali, Charles Deguara, u d-Dekan tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Ġesjtoni u l-Kontabilità (FEMA), il-Prof. Emmanuel Said.

Dak li ntqal dakinhar tal-konferenza – fit-22 ta' April 2023 fil-Valletta Campus – ma stajniex inħalluh biss fil-memorja individwali u kollettiva tagħna u ta' dawk li ġew jisimgħu u jiddiskutu magħna, imma ridna neditjawh, norqmuh u nippubblikawh. Hekk l-atti tal-konferenza jibqgħu jkunu ta' referenza għall-istudenti, l-akkademiċi, ir-riċerkaturi u l-bqija tal-qarrejja li tinteressahom l-arti u x-xjenza tar-retorika politika.

Din hija t-tieni darba li d-Dipartiment tal-Politika Pubblika u d-Dipartiment tal-Malti minn fakultajiet differenti tal-Università ta' Malta qed jaħdmu flimkien fuq konferenza nazzjonali. F'April tal-2022, fil-Parlament saret l-ewwel konferenza minn din is-sensiela ta' Lingua-Politik fuq "Il-Poter tal-Kelma: Politika u Letteratura f'Oliver Friggieri." L-atti bid-diskorsi li saru dakinhar ġew ippubblikati mill-Uffiċċju tal-Ispeaker tal-Parlament bi sħab maż-żewġ dipartimenti.

Nirringrazzjaw b'mod partikolari lill-uffiċjali tal-Valletta Campus li mingħandhom sibna kull għajnuna biex stajna ntellgħu l-konferenza. Min-naħa tad-Dipartiment tal-Malti rroddu ħajr lill-Prof. Adrian Grima u lil Gianni Ciappara li magħhom ħdimna għalenija. Mhux l-inqas, nirriservaw ir-ringrazzjamenti tagħna lil Dr George Vital Zammit u lil Mariella Gambin għan-nom tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika, u lil Melanie Vassallo u Lorna Genovese għan-naħa tal-Uffiċċju Konġunt għall-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.

**Prof. Mario Thomas Vassallo**
*Kap tad-Dipartiment*
*tal-Politika Pubblika*

